**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 183/2018 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**
**Vs**
**Owen O'Brien**

**Illum 11 ta' Awwissu, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Owen O'Brien, ta' 30 sena, iben Joseph u Anna nee' Carabott, imwieled tal-Pieta' nhar il-5 ta' Lulju 1989, residenti 41, Summit Crt Flt 2, Triq iz-Zinzel, Hal Qormi, detentur tal-karta tal-identita' numru 309589M:

Billi huwa akkuzat talli fit-8 ta' Gunju 2017 ghall-habta tad-9:00hrs, gewwa Triq is-Sebh, l-Imriehel u f'dawn il-Gzejjer, bhala sewwieq tat-trakk tal-ghamla Daf bin-numru ta' registrazzjoni TFI-763, talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ikkaguna l-mewt ta' Christopher Paul Abela, a tenur tal-Artikolu 225(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi saq vettura bil-mutur, ossia trakk tal-ghamla Daf, bin-numru ta' registrazzjoni TFI-763 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni u/jew b'mod perikoluz a tenur tal-Artikolu (15)(1)(a) tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna hsara fil-mutur tal-ghamla Ducati bin-numru ta' registrazzjoni DCT-670 di propjeta' ta' Christopher Paul Abela, bil-konsegwenza li l-istess Christopher Paul Abela miet u fit-trakk tal-ghamla Daf bin-numru ta' registrazzjoni TFI-763 di propjeta' ta' Simonds Farsons Cisk PLC u jew persuni ohra a tenur l-Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba tiskwalifika lill-hati milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal perjodu illi jidhrilha xieraq.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti u cioe', estratt mic-certifikat tat-twelid tal-imputat, fedina penali, okkorrenza mmarkata bhala Dok JT1, okkorrenza mmarkata bhala Dok SB1 u process verbal immarkat bhala NC1,

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat 10 ta' Mejju 2018 sabiex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Roderick Agius, qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 20 ta' Settembru 2018.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' lil PS 274 James Turner, l-Ispettur Roderick Agius, l-Ispettur Saviour Baldacchino u lil Nadia Ciappara

**PS 274 James Turner** stqarr li nhar it-8 ta' Gunju 2017 ghall-habta tad-disgha ta' filghodu kienu nfurmati li kien hemm incident bejn vettura kummercjali u mutur fil-Bypass tal-Imriehel, fi Triq is-Sebh, Hal Qormi, fejn kif marru fuq il-post Dr Michael Spiteri kien infurmahom li x-xufier tal-mutur kien miet fuq il-post. PS 274 jikkonferma li kien hemm diversi nies li taw il-verzjonijiet taghhom u li dawn jinsabu fir-rapport. Huwa jghid li mix-xhieda jirrizulta li t-trakk DAF, li kien qed isuq direzzjoni Rabat, mill-'fast lane', qabez il-vetturi li kienu sejrin ghat-triq lejn l-Imriehel u hemmhekk sehh l-impatt mal-mutur. Huwa jikkonferma li nfethet inkjesta fuq l-incident u li PC 189 u PC 903 hadu x-xhieda tan-nies li cemplu l-Ghassa biex jaghtu l-verzjoni taghhom.

L-**Ispettur Roderick Agius** jghid li nhar it-8 ta' Gunju 2017 kien infurmat li sehh incident fatali bejn mutur u trakk, fejn wara li nforma lill-Magistrat tal-Ghassa dawn marru t-tnejn fuq il-post. Huwa spjega li rrizulta li l-mutur kien gej mir-Rabat direzzjoni lejn Hal Qormi filwaqt li t-trakk kien gej minn Hal Qormi direzzjoni Rabat, izda dan kien qed jimmanuvra biex jaqsam lejn l-Imriehel u hemmhekk sehh l-impatt fatali mal-mutur. Huwa spjega wkoll li l-Ispettur Keith Arnaud u l-Ispettur Saviour Baldacchino kienu infurmawh li l-vittma kien Chris Abela, ex-surgent tal-Pulizija. L-Ispettur Agius spjega li kien hemm xhud okulari, Jonathan Scott, li ta l-verzjoni tieghu ta dak li kien ra. Huwa kompla jikkonferma li x-xhieda kollha regghet ittiehditilhom il-verzjoni taghhom mill-espert tal-Qorti, is-Sur Mario Buttigieg.

L-**Ispettur Saviour Baldacchino** jghid li nhar it-8 ta' Gunju 2017 ghall-habta tad-disgha neqsin kwart kien fil-karozza mal-Ispettur Keith Arnaud, sejrin lejn il-Belt mil-Bypass tal-Imriehel. Huwa jispjega li hekk kif waslu fejn il-'junction' raw persuna mixhuta mal-art u vann kbir ihares lejn l-'Imriehel', li dan kien qasam u kien diehel lejn il-fabbriki. Hu spjega li huma kienu waslu ezatt wara li sehh l-impatt tant lanqas demm ma kien ghad hemm taht il-persuna u li ra x-xufier tal-vann hiereg b'qatgha kbira fuqu. L-Ispettur Baldacchino stqarr li huma bdew jikkontrollaw it-traffiku u cemplu 112 sabiex tintbaghat l-assistenza. Huwa spjega li wara li kkontrollaw it-traffiku bdew jippruvaw jaraw min hu l-vittma, izda l-wicc ma kienx jingharaf, pero' rrikonoxxew li l-mutur kien ta' Chris Abela, ex-kollega taghhom. L-Ispettur Baldacchino jghid li biex jikkonfermaw cemplu l-'mobile' ta' Chris u beda jdoqq, b'hekk ikkonfermaw li kien propju hu. Huwa jghid li umbaghad cemplu lill-familjari u li kellmu xhud, Jonathan Scott, li kien ra kollox.

Nadia Ciappara esebixxiet process verbal bin-numr 123/2018 dwar incident stradali bejn mutur u trakk illi sehh gewwa Triq is-Sebh, Hal Qormi.

Semghet li l-Ufficjal Prosekutur informa lill-Qorti li ntlahaq patteggjament bejn il-partijiet konfermat ukoll mid-Difiza.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u kif registrata quddiem din il-Qorti kif preseduta nhar il-11 ta’ Awwissu, 2020.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, jista’ jerga’ lura minnha u filfatt huwa rega’ tenna l-istess ammissjoni tieghu.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u ghalhekk il-Qorti ma kellhiex bzonn tehli iktar zmien f’dawn il-proceduri sabiex tigbor il-provi.

Rat ir-Rikors kongunt tal-Avukat General u tal-akkuzat Owen O’Brien ai termini tal-Artikolu 392A(5) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta’ Malta datat 11 ta’ Awwissu 2020.

**Decide:**

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 225(1), 328, 392A(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u fuq ammissjoni tal-imputat, ssib lill-imputat, Owen O’Brien, hati tal-imputazzjonijiet fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta’ sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta’ erba’ (4) snin mil-lum. Il-Qorti qed tissospendi u tiskwalifika lill-imputat milli jottjeni licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta’ sena (1).

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-hati.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**

**Magistrat**

**Nadia Ciappara**

**Deputat Registratur**